**Deċiżjoni mogħtija minn Mr Speaker fis-Seduta 34 tal-24 ta' Ġunju 2013 dwar Tweġibiet ta' Mistoqsijiet Parlamentari**

L-Ispeaker irrefera għal *rulings* passati dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari u fakkar illi l-Ispeaker ma jidħolx dwar il-kontenut tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari u lanqas jista' jieħu pożizzjonijiet dwarhom.

Huwa fakkar ukoll illi meta Ministru jikkwota minn dokument disponibbli fuq *website* għandu jpoġġi d-dokument li jirreferi għalih fuq il-Mejda tal-Kamra.